MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 477/2008

Kawza fil-lista: 34

**G H**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu f' Malta fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (Dok. A);

2. Illi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.

3. Illi rrizulta mill-bidu taz-zwieg li l-intimat ma riedx tfal u li eskluda t-tfal meta dahal ghaz-zwieg.

4. Illi l-esponenti minn dejjem xtaqet it-tfal izda l-intimat cahadha minn din ix-xewqa taghha u minn drittijiet ohra tal-hajja mizzewga kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

5. Illi ghalhekk il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' simulazzjoni in kwantu li eskluda posizittivament li jkollu t-tfal miz-zwieg.

6. Illi minghajr pregudizzju iz-zwieg taghhom hu vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess da parti tal-konvenut, kif ukoll stante li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

7. Illi dan kollu kif ser tipprova l-attrici waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi l-partijiet illum huma separati bonarjament b' att ippubblikat min-Nutar Dottor William Azzopardi tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006) u permezz tal-istess ghazlet li tirriverti ghall-kunjom xbubitha, cioe “H” (Dok. B);

9. Ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f' Malta fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) (Dok. A) huwa null u bla effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu

wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

2. Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, ghazel li ma jipprezentax risposta, izda prezenta nota li biha ammetta t-talbiet attrici ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-2 ta’ Gunju 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta Malta.

**Il-Fatti**
Illi din il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taghtihom affidament.

Mill-provi jirrizulta pacifiku, u sodisfacentment provat, li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta’ Gunju 2000 meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 24 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt snin. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal ; u fil-25 ta’ Lulju 2006 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali.

Jirrizulta b’ mod ampju, li l-konvenut ma riedx tfal fiz-zwieg, u li din id-decizjoni kien hadha qabel iz-zwieg, u ad insaputa ta’ l-attrici, allura gharusa tieghu. Huwa jghid : “Jien ma urejtx lil G li kelli dan il-hsieb. Ghalija z-zwieg kien ser ikun bejnietna biss, u t-tfal qatt ma setghu jkunu

parti miz-zwieg taghna”. Fid-depozizzjoni tieghu jispjega ulterjorment li ghalih it-tfal fiz-zwieg kienu jfissru li kien ikollu jbiddel il-lifestyle tieghu, u ghalhekk qatt ma ried din ir-responsabbilita’. Tant kemm kien ferm il-konvenut f’ din id-decizjoni, li fl-ewwel sitt xhur wara z-zwieg, meta allura l-partijiet kienu jaghmlu l-att taz-zwieg, huwa kien jilbes il-prezervattiv, u xorta kien jirtira minn fuq l-attrici ftit qabel l-ejekulazzjoni ; u dan sabiex jaccerta ruhu mija fil-mija li l-attrici ma tinqabadx tqila.

L-attrici tghid li minn naha taghha hija kienet izzewwget biex ikollha t-tfal u tibni familja, izda l-konvenut ma riedx jaf b’ dan. Tghid : “jien urejtu kemm-il darba x-xewqa li jkollna sexual intercourse minghajr condoms, pero hu qatt ma ried. Jien kont inhossni mcahhda mhux biss mill-possibilita’ li jkolli t-tfal, izda wkoll mill-hajja sesswali tieghu bhala mara mizzewwga.” Fid-depozizzjoni taghha kompliet tispjega li wara sitt xhur miz-zwieg, ir-relazzjonijiet intimi kienu spiccaw fix-xejn, ghax il-konvenut qatt ma ried jaghmel l-att taz-zwieg minghajr l-uzu tal-prezervattiv, u kien ukoll qed juri riluttanza ghall-istess att.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess, tal-fatti sodisfacentment provati, il-Qorti tirraviza f’ dan il-kaz, l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut, stante li dan, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament u b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu eskluda fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, wiehed mill-obbligi essenzjali ghall-hajja konjugali, dak tal-prokreazzjoni ta’ l-ulied ; kif ukoll inganna lill-attrici meta ma kienx qallha minn qabel iz-zwieg b’ din id-decizjoni tieghu.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta’ Gunju 2000.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------